**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 15 ta` Dicembru 2015**

**Kawza Nru. 8**
**Rik. Gur. Nru. 1170/86 JZM**

**Raymond Cauchi ghan-nom u in rappresentanza u kif awtorizzat b`resoluzzjoni ta` Lay Lay Company Limited,**

***u***

**b`digriet tal-11 ta` Mejju 2004, Michael Axisa assuma l-atti ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Lay Lay Company Limited**

***kontra***

**Michael Angelo Fenech**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-<u>17 ta` Dicembru 1986</u> fil-Qorti tal-Kummerc [**<u>JDC</u>**] li taqra hekk :–

*1. Peress illi d-ditta attrici harget proprjeta` biex jinxtara truck waqt illi l-konvenut ukoll kellu sehem fl-istess truck, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema truck gie eventwalment mibjugh lill-terzi persuni ;*

*2. U peress illi l-introjtu mill-istess truck gie percepit interament mill-istess konvenut illi naqas illi jhallas lid-ditta attrici s-sehem spettanti lill-istess ditta, u zamm ghalih personalment dan l-istess sehem ;*

*3. U peress illi l-istess konvenut ghandu f`idejh ammont ta` madwar £500 (hames mitt lira) rappresentanti parti minn ammont akbar ta` flus dovut lid-ditta attrici, liema flus baqghu f`idejh meta gew fdati lilu waqt illi direttur tad-ditta attrici u l-istess konvenut flimkien ma` ohrajn kienu msiefrin ;*

*Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tillikwida l-ammonti dovuti lid-ditta attrici a bazi taz-zewg vertenzi fuq imsemmija u a bazi ta` dak illi jirrizulta relattivament ghalihom waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza ;*

*(2) Tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lid-ditta attrici l-ammont illi jigi hekk likwidat kif fuq inghad.*

*Fl-interessi u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta` Impediment tas-Safar ta` llum stess kontra l-konvenut li hu minn issa mharrek ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur noe u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat illi l-udjenza tad-19 ta` Ottubru 1988, il-Qorti tal-Kummerc halliet il-kawza *sine die.*

Rat id-digriet li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta` Novembru 1988 li permezz tieghu rriappuntat il-kawza ghas-seduta tat-22 ta` Frar 1989.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet li pprezenta l-konvenut fis-<u>27 ta` Jannar 1989</u> li taqra hekk :–

*1. Ghar-rigward l-ewwel talba in konnessjoni mal-kwistjoni tat-truck imsemmi fl-ewwel zewg paragrafi tal-kawzali tac-citazzjoni, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi t-truck ma kienx proprjeta` ta` l-eccipjent personali imma kien proprjeta` in komuni bejn id-ditta attrici u Fenech Estates Limited li taghha l-eccipjent deher fuq it-trasferiment ta` din il-vettura u rcieva l-prezz tieghu dan, naturalment ghamlu in vesti ta` direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Fenech Estates Limited ;*

*2. Ghar-rigward it-tieni talba, cioe`, rigward refusjoni ta` flus fdati lill-eccipjent waqt vjagg, wkoll l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju ghaliex :-*

*i. Din il-kwistjoni ma tirrigwardax lis-socjeta` attrici, imma lil Michael Axisa personalment. Tant li l-flus huma ta` Michael Axisa personalment li kien ikkonsenja lill-esponent waqt safar flimkien mal-Perit Dom Mintoff u John Dalli liema safra kienet wahda ta` natura personali u ma kellha xejn x`taqsam man-negozju jew mas-socjeta` attrici ; u*

*ii. Il-gudizzju m`huwiex integru, ghaliex biex jithallas Michael Axisa jridu jsiru konteggi bejn in-nies li kienu fil-vjagg f`daqqa u li m`huwiex parti mill-kawza.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat id-digriet li tat il-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta` Mejju 1989 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Tony De Gaetano sabiex jigbor il-provi.

Rat id-digriet li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta` Mejju 1991 fejn irrevokat l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju Av. Tony De Gaetano u hatret minflok lill-Av. Mark Chetcuti bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-attur noe wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz.

Rat illi wara l-Att XXIV tal-1995 gie fis-sehh, il-kawza kompliet tinstema` minn din il-Qorti diversament presjeduta [**GC**].

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta [**NA**] fl-udjenza tal-10 ta` Dicembru 1996 li permezz tieghu rrevokat l-inkariku tal-Av. Mark Chetcuti bhala perit legali u hatret minflok lill-Av. Joselle Galea.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta [**NA**] fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 1997 li permezz tieghu rrevokat l-inkariku tal-Av. Joselle Galea bhala perit legali u hatret minflok lill-Av. Veronica Galea Debono.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta [**NA**] fit-2 ta` Frar 1998 li permezz tieghu rrevokat l-inkariku tal-Av. Veronica Galea Debono bhala perit legali u hatret minflok lill-Av. Deborah Huber.

Rat illi wara l-1 ta` Marzu 1999, din il-kawza kompliet tinstema` minn Imhallef iehor [**DS**].

Rat in-nota b`dokument li kienet ipprezentata fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2001.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut fl-udjenzi tat-23 ta` Ottubru 2001 u tat-18 ta` Jannar 2002, kif ukoll dokumenti li kienu prezentati bhala prova.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-attur noe fit-8 ta` Jannar 2002.

Rat illi wara l-10 ta` April 2002, il-kawza kompliet tinstema` minn Imhallef iehor [**AD**].

Rat illi wara t-18 ta` Novembru 2002, il-kawza kompliet tinstema` minn Imhallef iehor [**FS**].

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tal-5 ta` Dicembru 2007 li permezz tieghu l-kawza thassret minn fuq il-listi.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta` Jannar 2008 li permezz tieghu rega` tat appuntament biex il-kawza tkompli tinstema`.

**Rat l-ordni tal-Onor Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-1 ta` April 2014 fejn irrevokat l-inkariku tal-perit legali Av. Deborah Farrugia.

Rat l-atti tal-procediment hekk kif kondott mill-perit legali Av. Deborah Farrugia, inkluz il-provi li gabret.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Novembru 2014 fejn il-partijiet qablu li t-trakk in kwistjoni kien akkwistat skont il-kuntratt a fol 85 tal-process u in segwitu kien mibjugh lis-socjeta` Saliba Brothers Limited.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-istess udjenza u rat id-dokumenti li pprezenta hlief wiehed li kien sfilzat b`ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenut fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet bil-fomm li saru fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Ghalkemm fil-kors tas-snin li ghaddew minn fuq din il-kawza, kienu nhatru Assistent Gudizzjarju u erba` periti legali, kien biss quddiem l-ahhar perit legali u cioe` Av. Deborah Farrugia gia` Huber li sar gbir ta` provi ghaliex fl-atti ma hemm l-ebda *record* li ngabru provi mill-Assistent Gudizzjarju u mit-tliet periti legali li pprecedew lill-Av. Farrugia.**

**Dan premess, din li gejja hija <u>sintesi tal-provi</u>.**

<u>**Michael Axisa**</u> – direttur tas-socjeta` attrici – xehed li parti mill-ammont li qed jintalab fil-kawza tal-lum jirrigwarda trakk *Leyland* nru A-8876. Dan it-trakk kien inxtara minghand l-ahwa Cauchi. Bhala hlas tal-prezz tal-bejgh, il-vendituri hadu in parti l-arja ta` fuq hames garages mibnija fuq plot 84, Triq Santa Domenica, Zabbar. L-arja kienet proprjeta` assoluta tas-socjeta` attrici skond kuntratt tas-6 ta` Ottubru 1980 fl-atti tan-Nutar Dr Francis Micallef u kuntratt tat-18 ta` Lulju 1981 fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar. L-arja kienet stmata li tiswa s-somma ta` Lm 1,500. Il-bqija tal-prezz thallas billi l-ahwa Cauchi gew assenjati l-plot 33 mill-art maghrufa bhala "Tal-Hofra" gewwa Haz-Zabbar, liema art kienet proprjeta` tas-socjeta` attrici u ta` Fenech Estates Limited skont kuntratt tat-30 ta` April 1981 fl-atti tan-Nutar Dr Francis Micallef. Huwa spjega li Lay Lay Co Ltd harget sehem ikbar biex gie akkwistat dan it-trakk. Meta t-trakk in segwitu nbiegh lil Saliba Brothers Limited, il-prezz ta` Lm 4,100 hadu kollu l-konvenut, maghruf ukoll bhala "l-Kelly", direttament minghand Saliba Brothers Limited. Remigio Saliba direttur ta` Saliba Brothers Limited ried il-*logbook* tat-trakk. Il-konvenut mar l-ufficju tas-socjeta` attrici u talab lil Raymond Cauchi dan il-*logbook*. Wara li kkonsenja l-*logbook*, il-konvenut inghata il-flus. Ighid li ma jafx jekk il-konvenut hax il-flus f`ismu proprju jew f isem Fenech Estates Limited.

Qal illi li l-ammont dovut lill-konvenut kien ta` nofs il-valur tal-plot 33, "Tal-Hofra" flimkien ma` sehem proporzjonali tal-profitt li sar mill-bejgh tat-trakk. Il-plot kienet stmata li jiswa Lm 2,000 waqt li l-profitt mill-bejgh tat-trakk kien ta` Lm 600. L-ammont li kellu jiehu l-konvenut huwa ta` Lm 1,000 u sehemu mill-profitt tal-bejgh tat-trakk kien ta` Lm 170. Ghaldhekk il-konvenut kellu jiehu b`kollox is-somma ta` Lm 1,170 mentri fil-fatt zamm ghandu l-ammont ta` Lm 4,100. It-trakk kien jappartjeni in kwantu ghal kwart lil Fenech Estates u kwantu ghal tliet kwarti lis-socjeta` attrici. It-trakk baqa` registrat f`isem l-ahwa Cauchi.

Kompla jghid illi s-socjeta` attrici kellha taghti Lm 186 lil Saliba Brothers Limited ghal materjal li xtrat minghandha. Dak l-ammont tnaqqas minn Saliba Brothers Limited meta hallset lill-konvenut li ghalhekk ircieva s-somma ta` Lm 3,914. Huwa talab lill-konvenut l-ammont li thallas. Ghalhekk il-konvenut qal li kien se jhallas, baqa` ma hallas xejn.

Xehed illi apparti l-kwistjoni tal-bejgh tat-trakk, il-konvenut kellu jhallsu Lm 500 dwar kwistjoni ohra.

Stqarr illi huwa kien siefer flimkien mal-konvenut, mal-Perit Dom Mintoff u ma` John Dalli. Waqt is-safra, huwa kien halla ghand il-konvenut is-somma

ta` Lm 1,000 biex bihom jithallsu l-ispejjez tas-safra. Dawn il-flus hargithom is-socjeta` attrici. Huwa insista li ghandu jiehu l-bilanc li kien ghad fadal ossija Lm 500. Fisser li kien hemm ammont ta` flus li kien qed izomm il-konvenut u li kien il-*kitty* li minnu kienu qed jithallsu l-ispejjez tas-safra. Kull wiehed kien dahhal Lm 1,000 jew Lm1,500 fil-*kitty*. Kien il-konvenut stess illi qallu li fil-*kitty* kien fadal Lm 500 ghal kull wiehed.

Sostna illi meta kienet istitwita l-kawza, il-konvenut kellu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm 3314 – ossija Lm 3914 (tat-trakk) ; Lm 1,100 (imghaxijiet li ghandhom jitnaqqsu) sabiex is-somma giet Lm 2,814 u Lm 500 rapprezentanti l-ammont tas-safar li ghandhom jigu mizjuda sabiex iwasslu ghat-total ta` Lm 3,314. Qal illi xi seba` snin ilu, il-konvenut kien hallas is-somma ta` Lm 2,000 sabiex jonqsu minn dak dovut minnu u ghalhekk l-konvenut fadallu jhallas bilanc ta` Lm1314.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Michael Axisa kkonferma li l-btala kienet saret fil-kumpanija ta` nies ohra u li kienet btala li damet circa gimghatejn jew ftit anqas. Ighid illi huwa kien isuq vettura Mercedes Sports 500, ghalkemm gieli saq il-konvenut. Huma kienu marru Sqallija bil-bahar, imbaghad baqghu sejrin l-Italja, ghaddew minn Franza u spiccaw Spanja. Lura gew mill-istess rotta ghalkemm waqfu Ruma. Kienu jixorbu l-inbid taghhom peress li kienu gabu maghhom inbid li kien ghasar l-istess Perit Mintoff. Kienu jieqfu jieklu kuljum u ghall-ikel kienu jiehdu maghhom l-inbid taghhom.

Qal illi l-avukat tieghu kien Dr. Godwin Muscat Azzopardi. Dr Anthony Rutter Giappone kien baghat ittra datata 2 ta` Frar 1987 lil Dr Muscat Azzopardi. Wara li waslu lura mill-vjagg, ir-relazzjoni tieghu mal-konvenut iddeterjorat u beda jitlob lill-konvenut sabiex jaghmlu l-kontijiet ta` bejniethom. Il-konvenut kien jghidlu li ma kellux cans li jaghmel il-kontijiet. Ighid illi huwa ma kellux ricevuti relatati mal-btala peress illi anke jekk hallas xi haga hu, l-ircevuti kienu jzommhom il-konvenut sabiex idahhalhom bhala spejjez ghat-taxxa. Wara li gew lura mill-btala, il-konvenut kien qallu li lil John Dalli kien qallu li ma kien fadal xejn mill-flus tal-*kitty* mentri l-konvenut lilu qallu li kien ghad fadal xi Lm 500 ghalih. Qal li ma jiftakarx jekk John Dalli kienx parti mill-*kitty*. Lanqas ma ftakar kemm kien hareg flus il-Perit Mintoff izda dan kien dejjem jghid li ma ghandux flus.

**<u>Michael Fenech</u>** xehed li mill-4 ta` April 1994 huwa jirrapprezenta s-socjeta` Fenech Estates Limited fil-qorti. Missieru Alfred Fenech u l-konvenut ghandhom xi 300 *shares* kull wiehed fil-kumpannija. Qabel inghata l-inkariku, huwa kien impjegat ta` wahda mis-socjetajiet li kellhom bi shab il-konvenut u missieru Alfred Fenech. Beda fl-impieg b`mod ufficjali fl-1 ta` Frar 1990 imma qabel din id-data huwa gieli ghamel xi xoghol.

Jixhed illi Fenech Estates Limited qatt ma kellha trakkijiet registrati f`isimha billi ghalkemm kien hemm vetturi tal-kumpanniji tal-familja, kienu registrati f`isem il-konvenut, f`isem missieru Alfred Fenech u f`isem Nazzareno Fenech li kien jigi n-nannu tieghu. Dak li jaf hu huwa li f`okkazjoni minnhom il-konvenut kien talbu biex jehodlu hsieb hafna konvenji. Huwa gie nkarikat sabiex jikteb il-partijiet fuq bicca karta u imbaghad jittajpja id-data u n-nutar min kien. Missieru kien spjegalu li deher fuq konvenju fejn kien ser isir tpartit ta` trakk ma` plot ta` Fenech Estates, precizament ta` xi arja ta` garaxxijiet ta` Lay Lay ghall-prezz ta` circa Lm 2,000. Huwa staqsa lil missieru x` kien ghad fadal isir izda missieru ma kienx jaf. Missieru kien analfabeta u huwa kien jipprova jghinu. Missieru staqsa lill-konvenut dwar dan, u qallu li dak il-konvenju seta` jinsieh peress li fih ma kellhiex x` taqsam il-kumpannija. Il-konvenut insista li dak kien negozju tieghu. Meta missieru qal lill-konvenut li fil-fatt kienet involuta l-kumpannija, peress li t-trasferiment kien ta` plot li hija proprjeta` ta` Fenech Estates, il-konvenut qal li dak kien zball. Il-konvenut beda jsostni li t-trakk kien tieghu personali mhux ta` Fenech Estates.

Stqarr illi Fenech Estates Company Limited kienet taghmel audited accounts, ghalkemm waqghet lura b`erbatax-il sena. Semma li kien hemm proceduri pendenti ghax-xoljiment ta` Fenech Estates Company Limited. Mill-audited accounts li ra hu, ma rrizultax li Fenech Estates Company Limited kellha ddahhal xi flus ghal dak it-trakk. Qal ukoll li ma jafx x` sar minnu t-trakk ghaliex ma kellhux x` jaqsam ma` Fenech Estates Company Limited. Ikkonferma li Fenech Estates Company Limited kellha kontijiet mal-HSBC Bormla. Skond l-statements tal-bank, ma rrizultax li dahlet xi somma ta` Lm 2,000 u ta` Lm 2,100.

Kompla xehed illi fl-1 ta` Frar 1998 il-konvenut ghamel il-*compliance* ta` Fenech Estates Company Limited. Din id-darba huwa tnehha minn *judicial representative* tal-kumpannija. Minflok saru Alfred Fenech (missier ix-xhud) u l-konvenut. Il-konvenut baqa` direttur waqt li Alfred Fenech sar segretarju tal-kumpannija. Huma oggezzjonaw ghal dawn il-bidliet. Fil-31 ta` Dicembru 1986, il-konvenut irrizenja minn direttur u kien appuntat Dr Anthony Rutter Giappone. Il-konvenut kien ukoll direttur qabel l-1998.

Stqarr illi fil-5 ta` April 1994 il-konvenut f` isem is-socjeta` Fenech Estates Company Limited u socjeta` ohra Car Care Products Limited kellu jersaq ma` Joseph Camilleri li huwa s-sid ta` JMA Limited sabiex isir trasferiment ta` proprjeta. In-nofs indiviz kien tas-socjetajiet tal-familja taghhom u n-nofs indiviz l-iehor kien ma` Michael Axisa ghal Lay Lay Company Limited. Missieru kien iffirma l-Form K u r-resolution fejn il-konvenut kellu jigi awtorizzat jersaq biex jiffirma konvenji ma` JMA Limited f`isem Fenech Estates Company Limited u Car Care Products Limited. Fl-4 ta` April 1994, il-konvenut sar direttur minflok ibnu Kevin James Fenech.

Fil-**kontroezami**, Michael Fenech xehed illi huwa sar jaf bil-konvenju tat-trakk in kwistjoni meta ma kienx ghadu sar il-kuntratt. Sar jaf bil-konvenju meta il-konvenut qallu biex jaghmel il-lista li xehed dwarha fl-ezami. Meta staqsa lil missieru kif kien baqa` fuq dak il-konvenju, missieru qallu li dak ma kienx tal-kumpannija. Il-konvenju u l-kuntratt saru fl-ahhar tas-snin tmenin. Qal illi huwa kien jaghmel kull ma kien jghidlu biex jaghmel il-konvenut.

Qal illi l-kont mal-HSBC kien inghalaq u l-bilanc li kien hemm fil-kont kien ta` Lm 2,000. Ighid illi kien hemm hafna flus kontanti ta` Fenech Estates li kienu qeghdin ghand il-konvenut derivanti minn cnus. Meta sar il-konvenju ma` Joseph Camilleri ta` JMA Limited, kien hemm introjtu ta` Lm 4,600 fuq il-konvenju u Lm 3,400 ohra. Qal li cheque minnhom kien sar lill-konvenut personalment ; infatti kien il-konvenut lit a struzzjonijiet lil Camilleri. Ic-cheque dahal fil-kont personal ital-konvenut.

Stqarr illi kien hemm pendenti kawza dwar qasma ta` kont ghaliex il-konvenut allega li certa flus ta` Fenech Estates dahlu fil-kont ta` Car Care Products Limited. Qal li jaf personalment illi meta missieru biegh il-Mercedes tieghu, il-flus personali ta` missieru wkoll dahlu f` dak il-kont.

Fisser illi l-validita` tal-hatra tieghu bhala *judicial representative* tas-socjeta` kienet kontestata fil-qrati. Il-formola sabiex ir-Registratur tal-Kumpanniji jkun infurmat li huwa kien sar *judicial representative* kienet prezentata tlett snin wara li kien gie appuntat. Ikkonferma li ma kienx imnizzel fil-*compliance* tal-1998 bhala *judicial representative* ghaliex din kienet saret mill-kovnenut biss. Ighid illi huwa ra zewg konvenji li kienu jirrigwardaw tpartit ta` trakk u ta` immobbli. Kienu fl-ufficju li kien jintuza ghal diversi kumpanniji tal-familja fil-Kalkara. Missieru ma kienx kuntent bis-shubija li kellu mal-konvenut, ghalkemm dan kien dejjem jittama li jaqsmu bil-kwiet.

**Aktar tard fis-snin kompla l-kontroezami ta` Michael Fenech**.

Xehed illi missieru u l-konvenut kienu lahqu ftehim bonarju dwar id-diversi kawzi li kellhom pendenti bejniethom.

Jistqarr illi s-socjeta` attrici kienet halliet lil Fenech Estates tinnegozja dwar plots gewwa Marsaxlokk mentri Fenech Estates halliet lis-socjeta` attrici tinnegozja plots go Haz-Zabbar. Iz-zewg kumpanniji kienu jiffirmaw fuq il-konvenji u l-kuntratti. Meta Lay Lay Co Ltd kienet tmur tiffirma wahidha fuq konvenji, il-persuna li kien jiffirma kien ikun awtorizzat jaghmel dan permezz

ta` rizoluzzjoni tal-bord. Il-kont ta` Fenech Estates kien inghalaq fl-1987 wara kien sar *personal joint account* bejn il-konvenut u missieru Alfred Fenech. Id-depoziti kienu wkoll imorru gewwa kont ta` Car Care Products Company Limited, Luboil Manufacturing Co Ltd u diversi kumpanniji ohra. Kien hemm depoziti ta` aktar minn Lm 2,000.

Ippreciza li t-trakk in kwistjoni kien proprjeta` f` ishma ugwali ta` Fenech Estates Company Limited u Lay Lay Company Limited.

Kompla qal illi meta missieru jew il-konvenut kienu jkunu msefrin jew indisposti, kienet issir *board resolution* sabiex jigi awtorizzat jiffirma min minnhom ikun prezenti biex jiffirma. Meta t-tnejn kienu jkunu msefrin jew indisposti, allura kienet issir *board resolution* a favur ta` Michael Axisa. Kienet in-norma li jidher Michael Axisa meta kien ikun hemm proprjeta` li kienet in komun ma` Lay Lay Company Limited.

Fisser illi l-audited accounts tal-kumpannija kienu ilhom ma jsiru sa mill-1987. Mill-konvenju ta` Frar 1987 ma kienx hemm depoziti ; ghalhekk ma kien rifless xejn fl-accounts.

Qal illi huwa qatt ma sab il-kuntratt tat-23 ta` Lulju 1989. Fl-1989 ukoll Kien sar kuntratt simili ma` Joe Gaffarena dwar bejgh ta` trakkijiet tar-Rite Mix. Kien negozju personali bejn il-konvenut u Gaffarena minghajr l-involviment ta` kumpanniji. Meta tkellem mal-konvenut dwar il-konvenju dwar it-trakk ta` Lay Lay Co Ltd u Fenech Estates Limited, il-konvenut kien fehmu dwar it-trakk li kellu negozju dwaru ma` Gaffarena ; ghalhekk wiegeb li dik kienet kwistjoni personali tieghu.

Ighid illi missieru qatt ma ta prokuri verbali. Fejn jidhlu l-kumpanniji kien imexxi permezz ta` *board resolution.*

Fir-**<u>riezami</u>**, ix-xhud stqarr illi bejn l-1994 u l-2006, missieru u l-konvenut ma kinux jitkellmu. Waslu ghal transazzjoni finali f`April 2009. Din kienet preceduta minn ftehim preliminari f`Ottubru 2007.

**Lura fis-snin, il-konvenut <u>Michael Angelo Fenech</u> xehed in subizzjoni quddiem il-perit legali.**

Xehed illi huwa kien direttur u *shareholder* tal-kumpannija Fenech Estates Company Limited. It-trakk in kwistjoni, li kien proprjeta` ta` Lay Lay Co

Ltd u Fenech Estates Co Ltd, kien inbiegh lil Saliba Brothers. Il-prezz li hallset Saliba Brothers Limited kien inghata lil Fenech Estates.

Ipprezenta prospett b`rendikont dwar il-btala mertu ta` din il-kawza mnejn jirrizulta li ntefqet is-somma ta` Lm 3390 ghall-btala kollha. Il-kontenut tar-rendikont sar abbazi ta` informazzjoni li kellu fuq notamenti antiki. Ir-rendikont kien ricenti billi sab l-informazzjoni biss ricentement. Ghall-btala, kien ircieva Lm 1454 minghand Michael Axisa. Wasal ghal din is-somma billi mit-total ta` Lm 3,390 naqqas is-somma ta` Lm 500 li hallas il-Perit Dom Mintoff u d-differenza nqasmet bejnu u bejn Michael Axisa. Huwa spjega li kien hu li kien jamministra l-flus tal-*kitty* u ma nzammew l-ebda rcevuti ghaliex ilkoll kienu dejjem flimkien. Ighid illi l-allogg kien jiswa bejn madwar Lm 40 ghal kull persuna. Siefru bejn Marzu u April 1986. Michael Axisa kien jaf li l-flus tal-*kitty* kienu ntefqu kollha. John Dalli kien ihallas bil-credit card. Meta gieli hallsu ghalih huma, l-ghada kien ihallas dak dovut. Kien hemm zewgt iljieli go Firenze u Madrid li ma kinux hallsu tal-*hotel* peress li kien mistieden il-Perit Mintoff ; ghalhekk hadd ma hallas.

Qal illi fl-ewwel gurnata, hu, il-Perit Mintoff u Michael Axisa kienu hargu Lm 200 kull wiehed li tpoggew fil-*kitty*. Minn dawn il-flus thallsu ikel, hotels u petrol. Kull meta kienu jispiccaw il-flus tal-*kitty,* kienu jitpoggew aktar flus. Meta spiccaw il-Lm 500 ta` l-Perit Mintoff, il-flus li baqa` kienu harguhom hu u Axisa. Kien hemm drabi li Michael Axisa hareg flus ghaliex tkun spiccat il-*kitty* u mbaghad huwa kien ihallas sehmu. Gieli hallas hu u mbaghad Axisa hallas sehmu wara. Jaf li Michael Axisa ma kienx baqghalu jiehu flus tal-btala. Ma jahsibx li Dalli kellu jaghti flus lil Axisa.

Xehed illi kien sar l-ewwel konvenju ta` tpartit bejn trakk u plot proprjeta` ta` s-socjetajiet Fenech Estates u Lay Lay, u arja ta` sitt garaxxijiet proprjeta` ta` Lay Lay Co Ltd. Fuq dan il-konvenju kien iffirma Michael Axisa ghal Lay Lay Co Ltd u Fenech Estates Company Limited. Fuq il-konvenju jissemma valur ta` Lm 2,000 ghall-arja tas-sitt garaxxijiet, u valur ta` Lm 2000 ghat-trakk. Huwa kienx accetta l-konvenju. Fi Frar 1987, Axisa kien sab lil huh u geghlu jaghmel konvenju. Fil-konvenju, il-prezz inbidel ; fil-kaz tal-plot ta` Haz-Zabbar tnizzel valur ta` Lm 1,200 mentri fil-kaz tar-Ready Mix inghata valur ta` Lm1,200. Lanqas dan ma kien accettabbli ghalih. Il-kuntratt finali kien iffirmat minn Michael Axisa ghal Lay Lay Co Ltd u minnu ghal Fenech Estates Co Ltd.

Ighid illi fil-kuntratt, jissemma biss tpartit ta` trakk u l-plot. Il-prezz kien ta` Lm 2,500 u l-arja tas-sitt garaxxijiet ma kinitx inkluza. It-trakk baqa` registrat f`isem il-vendituri, certi Cauchi ; imbaghad wara dar fuq isem Saliba li kien il-persuna li xtara t-trakk warajhom.

Kompla xehed illi huwa rrizenja minn direttur ta` Fenech Estates Co Ltd fid-29 ta` Ottubru 1992. Huh kien pprezenta Form K fejn appunta lilu bhala direttur, nehha lit-tifel tax-xhud, u pprezenta l-formula fil-25 ta` April 1997 ghalkemm ghamilha *back dated* ghal 4 ta` April 1994. Meta rcieva l-flus tat-trakk, huwa deher ghan-nom ta` Fenech Estates u l-flus hadithom il-kumpannija. Huwa ma kienx f` pozizzjoni li jsib id-dokument ta` meta nbiegh it-trakk lil terzi peress li ma kienx ghadu direttur ta` Fenech Estates.

**Aktar tard fis-snin rega` xehed <u>il-konvenut</u>.**

Dwar il-btala, huwa pprezenta kopja ta` l-passaport ta` Michael Axisa mnejn jirrizulta s-safar li sehh u li l-flus li ttiehdu.

Ipprezenta ittra tas-26 ta`Novembru 1986 li fiha saret referenza ghal vaganza li fuqha titratta din il-kawza, liema vaganza giet deskritta bhala btala personali u ma saret l-ebda referenza ghal xi flus li Lay Lay Co Ltd setghet harget.

Minn Malta ghall-btala in kwistjoni, marru hu, l-Perit Mintoff u Michael Axisa. John Dalli kellu jiltaqa` maghhom fi Spanja. Il-Perit Mintoff hareg biss Lm 500 u kien sar ftehim li d-differenza tinhareg mill-ohrajn. Il-Perit Mintoff kien ha mieghu sitt fliexken inbid bhala rigal. Mhux veru dak li xehed Axisa illi huma kienu jixorbu mill-inbid li gab Mintoff.

Dwar it-trakk tar-*ready mix*, il-konvenut xehed illi Cauchi Bros kienu ghamlu tpartit ta` dan it-trakk ma` plot ta` Lay Lay Co. Ltd u Fenech Estates Co Ltd sitwata gewwa Haz-Zabbar. Il-plot kienet tappartjeni in kwantu ghal nofs lil Lay Lay Co Ltd u kwantu ghan-nofs l-iehor lil Fenech Estates Company Limited. Qabel sari l-kuntratt tat-23 ta` Lulju 1989, kienu saru zewg konvenji. Fil-konvenju tal-5 ta` Frar 1987, apparti l-plot, hemm riferenza ghal xoghol u materjal ta` hadid li l-ahwa Cauchi assenjaw lil Michael Axisa. In vista ta` dan, il-prezz ta` x-xoghol u materjal gie mizjud mal-prezz tat-trakk bil-konsegwenza li Lay Lay Co Ltd kienet ser tiggwadanja wkoll minn dak li kellha taghti lil Cauchi Bros a skapitu ta` Fenech Estates.

Stqarr illi t-trakk in kwistjoni nbiegh lil Saliba Brothers Limited ghall-prezz ta` Lm 4,100. Mill-prezz tnaqqsu Lm 186 li kellha thallas Lay Lay Co Ltd lil Saliba Bros. Ghalhekk Saliba Bros hallsu biss Lm 3914. Lay Lay Co Ltd kellha tikkumpensa l-Lm 186 lil Fenech Estates. Insista li t-trakk huwa proprjeta` ta` Fenech Estates Co Ltd u Lay Lay Co Ltd. Il-flus li thallsu minn

Saliba Bros Ltd lil Fenech Estates Ltd ghaddew ghand Lay Lay Co Ltd ghal dak li jirrigwarda s-sehem li kienu dovut lil Lay Lay Co Ltd.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut ikkonferma li kien sar konvenju fejn kien qed isir tpartit ta` plot li kienet proprjeta` ta` Fenech Estates Co Ltd u Lay Lay Co Ltd u arja fuq il-garaxxijiet li kienet ta` Lay Lay Co. Ltd ma` trakk. Mistoqsi jekk it-tieni konvenju li sar kienet giet imnaqqsa l-arja fuq il-garaxxijiet minhabba li din kienet gia` nbieghet, Fenech sostna li ma jafx b` dan u li huwa qatt ma accetta l-kontenut tat-tieni konvenju peress li kien sar jaf ukoll li inkluz mal-prezz tat-trakk kien hemm ukoll xoghol li Lay Lay Co Ltd kellha thallas lix-xerrejja tat-trakk.

Aktar tard fl-istess xieda, il-konvenut ikkonferma li effettivament il-kuntratt sar abbazi tat-tieni konvenju.

Dwar is-safra, il-konvenut sostna li l-flus li kien qed johrog Michael Axisa kienu flus personali tieghu. Qatt ma qal li l-flus kienu tal-kumpannija. Jaccetta li *pendente lite* huwa hallas is-somma ta` Lm 2,000 lil Axisa in kontanti, izda jinsisti li m`ghandux ihallas izjed flus.

## III. Risultanzi

### 1) Riliev

**Tkun qeghda tonqos, u tonqos serjament, jekk din il-Qorti ma tirrilevax illi huwa tal-misthija ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja go socjeta` demokratika bhal taghna fondata fuq *the rule of law* li kawza ta` din ix-xorta tiehu xejn inqas minn disgha u ghoxrin (29) sena sabiex tasal ghal decizjoni fl-ewwel istanza, u tigi trattata quddiem xejn inqas minn seba` (7) imhallfin.**

**Qieghed jinghad dan mhux biss ghaliex hekk huwa mis-sewwa izda ghaliex abbazi tal-provi, kif del resto kien rilevat mis-socjeta` attrici fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, jidher li l-kawza tittratta dwar valur fil-mertu li jammonta ghal €3,060.80, ekwivalenti ghal Lm 1,314.**

**Ftit li xejn hemm qbil dwar il-fatti li wasslu ghal din il-pendenza gudizzjarja.**

**L-attur nomine jikkontendi li huwa dovut favur is-socjeta` Lay Lay Company Limited ammont ta` flus ghal tpartit bejn trakk tar-*ready mix* u mmobbli fejn, skond l-attur nomine, is-socjeta` Lay Lay Co Ltd harget sehem akbar ghal dak in-negozju, ghaliex kellha tiehu sehem ta` ¾ mir-rikavat.**

**Il-konvenut jikkontendi li s-socjeta` attrici kellha biss sehem ta` ½ indiviz.**

**Inoltre l-attur nomine jsostni li ghandu jithallas bilanc minn somma akbar ghal btala barra minn Malta, id-dettalji ta` liema rrizultaw aktar kmieni.**

**Min-naha tieghu, il-konvenut jafferma illi m`ghandu jhallas xejn minn dak pretiz mill-attur nomine.**

**2) <u>Konflitt tal-verzjonijiet</u>**

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*"… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova*
*mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f`każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f`kawża ċivili d-dolo jista` jiġi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b`tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f`min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs*

*Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi*

*noe). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).”*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza “**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**” inghad hekk :-

*“(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.”*

## 3) Il-mertu

Il-kawza tal-lum tittratta dwar talba ghall-kundanna ta` hlas :-

a) ta` ammont allegatament dovut lill-attur nomine in konnessjoni ma` btala, liema ammont fil-premessi tac-citazzjni huwa specifikat illi jammonta ghal Lm 500 ekwivalenti ghal €1,164.69c ; u

b) ta` ammont iehor li jirrapprezenta parti mill-introjtu derivanti minn bejgh ta` trakk.

**a) Il-bejgh tat-trakk**

Il-Qorti sejra tibda mill-ahhar.

L-allegazzjoni hija li l-flus tal-bejgh ta` t-trakk zammhom il-konvenut personalment bil-konsegwenza li s-socjeta` attrici qatt ma rceviet dak li kien dovut lilha.

Il-kumpannija attrici sostniet li hija kellha ¾ indivizi minn dan it-trakk mentri Fenech Estates Company Limited kellha biss ¼ indiviz u dana abbazi tal-fatt li l-ewwel konvenju li sar fir-rigward ta` dan it-trakk kien jsemmi tpartit ta` trakk ma` propjeta` in komun ta` Lay Lay Co Ltd u Fenech Estates Company Limited u arja ta` garaxxijiet go Haz-Zabbar li kienet proprjeta` ta` Lay Lay Co Ltd. Kien affermat illi ghalhekk Lay Lay Co Ltd kienet harget aktar assi u ghalhekk kellha ¾ indivizi minn dan it-trakk.

Mill-banda l-ohra, il-konvenut jinsisti li t-trakk kien l-oggett ta` tpacija ma` proprjeta` li kienet proprjeta` indiviza bejn Lay Lay Co Ltd u Fenech Estates Company Limited. Ghalhekk it-trakk kien jappartjeni nofs bin-nofs bejn iz-zewg kumpaniji.

Kien rilevat illi l-kuntratt finali kien jirrifletti dak li effettivament kien miftiehem fit-tieni konvenju li sar dwar dan it-tpartit, liema konvenju ma jsemmix l-arja ta` fuq il-garaxxijiet.

Meta l-Qorti tqis dak li tnizzel fil-kuntratt tat-23 ta` Lulju 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion (ezebit a fol 84), jirrizulta li t-tpartit tat-trakk sar mal-proprjeta` li kienet proprjeta` in komuni bejn Lay Lay Co Ltd u Fenech Estates Company Limited in linea mal-kontenut tat-tieni konvenju milhuq fil-5 ta` Frar 1987 a fol 79 et seq tal-process.

Minn imkien ma jirrizulta li ssemmiet l-arja ta` fuq il-garaxxijiet li kienet giet indikata fl-ewwel konvenju rigwardanti dan it-trakk.

Din il-Qorti hija tal-fehma li kieku verament fit-tpartit kienet kompriza wkoll l-arja ta` fuq dawn il-garaxxijiet, kien jissemma dan il-fatt fil-kuntratt tat-23 ta` Lulju 1989 jew almenu fuq l-istess kuntratt kien jigi indikat li Lay Lay Co Ltd ghandha ¾ indivizi minn dan it-trakk.

Il-Qorti ma tikkunsidrax bhala verosimili l-argument tal-attur nomine li minn dan it-trakk Lay Lay Co Ltd kienet proprjetarja ta` ¾ indivizi.

Irrizulta wkoll li t-tieni konvenju maghmul fil-5 ta` Frar 1987 ezebit a fol 79 et seq kien gie ffirmat minn Michael Axisa ghan-nom ta` Lay Lay Co Ltd u Alfred Fenech ghan-nom ta` Fenech Estates Company Limited, mentri l-ewwel konvenju maghmul fit-3 ta` Settembru 1985 ezebit a fol 82 kien gie ffirmat minn Michael Axisa ghan-nom kemm ta` Lay Lay Co Ltd u Fenech Estates Company Limited u dana minghajr ma hemm ezebita xi rizoluzzjoni tal-bord tad-diretturi ta` Fenech Estates Co Ltd jew almenu xi referenza ghal tali resolution. Dan imur kontra dak li xehed ampjament dwaru Michael Fenech fis-sens li qatt ma nghatat prokura verbali minn Fenech Estates Company Limited izda l-prassi kienet li ssir *resolution* tal-bord tad-Diretturi.

**Ghalhekk jidher ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-ishma fir-rigward ta` dan it-trakk kienu ta` nofs bin-nofs bejn iz-zewg kumpanniji.**

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li fil-verzjoni moghtija mill-konvenut u anke mill-eccezzjonijiet imressqa jidher li l-bejgh ta` dan it-trakk sar mill-istess konvenut ghan-nom ta` Fenech Estates Company Limited u mhux ghan-nom tieghu personalment.

Il-konvenut insista li l-flus ittiehdu minn Fenech Estates Company Limited.

Is-socjeta` attrici ma ressqet l-ebda provi sodisfacenti quddiem din il-Qorti sabiex turi kif kienet tant certa li l-flus kienu f` idejn il-konvenut personalment u mhux f` idejn Fenech Estates Limited. Infatti fl-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut eccepixxa b` mod inekwivoku illi meta deher fuq il-bejgh, dan kien ghamlu f` isem Fenech Estates Company Limited u ghalhekk semmai kellha tigi mharrka s-socjeta` Fenech Estates Company Limited dwar dan il-bejgh.

Madanakollu, din il-Qorti mhux ser toqghod tidhol f` din il-kwistjoni, peress li rrizulta li fil-mori tal-kawza, il-konvenut ghamel hlas ta` Lm 2,000 lil attur nominee, ghalkemm tirrimarka illi lanqas ma giet prodotta l-ebda skrittura lil din il-Qorti dwar jekk il-hlas kienx a saldu jew akkont jew saritx mill-partijiet fil-vesti taghhom personali jew f` isem xi kumpannija.

Infatti inqala` mbaghad dizgwid fil-mori ta` din il-kawza peress li l-attur nomine qed isostni li dan il-pagament sar akkont ta` dak dovut mentri l-konvenut qed isostni li dak il-pagament kien wiehed a saldu.

**Din il-Qorti giet <u>kontinwament u persistentement</u> rinfaccjata b`konflitt fix-xiehda, izda mill-kalkoli li ghamlu l-kontendenti stess fil-kors tal-kawza, jirrizulta li t-trakk kien inxtara ghall-prezz ta` Lm 4,100 li minnhom Lm 186 tnaqqsu peress li kienu dovuti minn Lay Lay Co Ltd lil Saliba Brothers.**

**Ladarba din il-Qorti hija tal-fehma li t-trakk kien jappartjeni nofs bin-nofs, kull kumpannija kellha Lm 2050 kull wiehed izda Lay Lay Co Ltd kellha tnaqqas mis-sehem taghha Lm 186 (hekk kif irrizulta mix-xhieda ta` Michael Axisa u ta` Michael Angelo Fenech). Ghalhekk is-sehem dovut lis-socjeta` attrici kien ta` Lm 1864, mentri Fenech Estates Company Limited kellha tinghata Lm 2,050 + Lm 186, ossija Lm 2,236. Per konsegwenza, ladarba din il-Qorti hija tal-fehma li Lay Lay Co Ltd ghandha ½ indiviz minn dan it-trakk, dak li kien dovut lilha kien Lm 1864 skont il-kalkoli hawn maghmula. Jidher ghalhekk li meta sar il-hlas ta` Lm2,000 da parti tal-konvenut, l-attur nomine thallas ampjament tas-sehem dovut lis-socjeta` Lay Lay Co Ltd rigwardanti dan it-trakk.**

**b) <u>Il-btala</u>**

L-attur nomine sostna wkoll li huwa ghandu jithallas Lm 500 in vista ta` btala li d-dettalji taghha fisser fid-deposizzjoni tieghu.

Din il-Qorti assolutament ma tarax li l-attur nomine pprova din l-allegazzjoni tieghu u dana ghal diversi ragunijiet.

**<u>Fl-ewwel lok</u>**, fix-xiehda tieghu, Michael Axisa ammetta li din kienet vaganza li kien mar ma` hbiebu. Huwa siefer fil-vesti tieghu personali u mhux bhala rapprezentant ta` Lay Lay Co Ltd. Minn imkien ma` rrizulta li b` xi mod din il-btala kienet relatata ma` xoghol koncernanti Lay Lay Co Ltd. Il-konvenut ukoll spjega fix-xiehda tieghu li Axisa qatt ma kien semmielu li kien qed juza flus proprjeta` ta` Lay Lay Co Ltd.

Madanakollu l-kumpannija attrici pprocediet ghal talba tal-hlas ta` dawn il-flus uzati fil-btala peress li gie sostnut minn Michael Axisa li dawn il-flus kien hadhom minn flus li kienu ta` Lay Lay Co Ltd.

Minkejja tali allegazzjoni, Axisa ma ressaq l-ebda prova dokumentarja li huwa verament gab dawn il-flus minn fondi ta` Lay Lay Co Ltd.

Fix-xiehda tieghu  Axisa semma li kien sar xi kuntratt u hadhom minn hemm izda mqar ressaq prova tangibbli u li l-qorti b`mod objettiv tista` torbot fuqha.

Jekk Axisa kien ihallat il-flus tan-negozju mal-flus personali tieghu, dik kienet affair u problema tieghu, izda li l-kumpannija titlob li Qorti tikkundanna lill-konvenut biex tirrifondi direttament lilha flus li ha Michael Axisa minghandha biex nefaqhom fi btala personali tieghu, dan mhuwiex legalment accettabbli u sostenibbli, billi ma kien ippruvat illi jezisiti l-ebda ness ta` kawzalita bejn il-konvenut u Lay Lay Co Ltd fir-rigward ta` dawk il-flus. Semmai Lay Lay Co Ltd kellha tistitwixxi proceduri *ad hoc* kontra Michael Axisa ghar-rimborz ta` l-flus u imbaghad sussegwentement, Michael Axisa jaghmel proceduri fil-vesti tieghu personali fejn jitlob il-hlas hu direttament minghand il-konvenut.

**<u>Fit-tieni lok</u>**, ma tressqet l-ebda prova dwar minn fejn Axisa wasal ghall-figura ta` Lm 500.

Dan sostna li l-kumpannija Lay Lay Co Ltd ghandha tinghata din is-somma ghaliex skont Axisa, il-konvenut stess kien qallu li kien ghad fadal Lm 500 kull wiehed.

Il-konvenut mill-banda l-ohra qed jinsisti li l-flus kienu ntefqu kollha u li ma kienx ghad fadal x` jinqasam.

Fil-mori giet ipprezentata ittra mibghuta mil-legali ta` Michael Axisa ezebita a fol 394 et seq datata 26 ta` Novembru 1986, fejn Axisa allega li kien dovut Lm 900 minn din il-btala.

Ghalhekk, ghal darb` ohra, din il-Qorti giet rinfaccjata b`verzjoni konfliggenti maghmula mill-istess Axisa nnifsu fejn f`okkazjoni ppretenda Lm 500 u f` okkazjoni ohra talab Lm 900.

Michael Axisa lanqas ma seta` jiftakar kemm kien hareg bhala flus bl-ezatt jew almenu jindika kemm kienu ntefqu flus.

Lanqas ftakar kemm kien hareg flus il-Perit Dom Mintoff ghal din il-btala.

Huwa farfar il-kwistjoni billi qal li kollox kien f`idejn il-konvenut u li huwa kien izomm l-ircevuti. Da parti tieghu, il-konvenut ipprezenta rendikont li ghalkemm sar aktar recenti u mhux immedjatament wara s-safra, jidher li fih hemm kalkoli li huma ragjonevoli. Ipprezenta wkoll kopja tal-passaport ta` Axisa li minnu rrizulta li dakinhar kien iddikjara li ha mieghu ghal btala Lm 1,250 (fol 409 et seq). Kuntrarjament ghal dak li sostna Michael Axisa, jidher li l-konvenut ressaq aktar provi li kkonvincew lil din il-Qorti li ma kienx dovut xejn in konnessjoni ma` din il-btala.

Da parti taghha, is-socjeta` attrici sostniet li ladarba l-konvenut eccepixxa biss li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li din il-kwistjoni tirrigwarda lil Michael Axisa personalment, il-konvenut ma kienx qed jikkontesta li ghandu in effetti jhallas Lm 500 lil attur nomine.

Din il-Qorti ma tarax li b` tali eccezzjoni, il-konvenut kien qed jammetti li verament kienet dovut xi somma flus in konnessjoni ma` din il-btala.

Addirittura meta din il-Qorti tqis li fl-istess eccezzjoni, il-konvenut sostna li l-gudizzju mhux integru peress li biex jithallas Michael Axisa hemm bzonn li jsiru konteggi ma` nies ohra li kienu fl-istess vjagg, hija indikazzjoni li l-konvenut f` dak l-istadju kien ghadu mhux f` pozizzjoni li jiddikjara jekk kienx ammont li seta` kien dovut jew le, tant li kien hemm necessita` li semmai jigu kjamati fil-kawza l-persuni li kienu akkumpanjaw lil partijiet f` din il-btala. Fil-mori tal-kawza, imbaghad il-konvenut baqa` dejjem jikkontesta li hija dovuta xi somma in konnessjoni ma` din il-btala u din il-qorti gialadarba ma tressqux provi mill-attur nomine sabiex jigi ppruvat il-kaz tieghu, sejra tghaddi biex tichad l-istess talba ghal likwidazzjoni ta` ammont in konnessjoni ma` din il-btala.

## c) <u>L-integrita` tal-gudizzju</u>

Riferibbilment ghall-kwistjoni tal-btala, il-konvenut ressaq l-eccezzjoni tal-integrita` tal-gudizzju.

Din il-qorti sejra tichad l-eccezzjoni peress li l-konteggi l-konvenut ghadda biex ghamilhom minghajr ma` kien hemm bzonn li jigu kjamati l-persuni l-ohra li kienu parti minn dan il-vjagg.

Jidher mix-xiehda tal-konvenut illi l-Perit Dom Mintoff kien hallas biss Lm 500 mentri John Dalli kien ihallas permezz ta` credit cards tieghu jew inkella direttament b` tali mod li qatt ma kien parti mis-sistema ta` *kitty* adoperata bejn Michael Axisa u Michaelangelo Fenech.

Ghalhekk l-eccezzjoni saret inutilment u ghandha tigi michuda.

Fin-nuqqas ta` provi kif trid il-ligi da parti tal-attur nomine, din il-Qorti ma tarax li ghandha tillikwida xi ammont fir-rigward ta` din il-btala, hekk kif mitluba taghmel fit-tieni talba ta` l-attur nomine.

**d) <u>Spejjez</u>**

**Ma tistax il-Qorti ma tirrilevax illi din il-kawza hadet daqstant zmien u tul sabiex tasal ghal decizjoni fl-ewwel istanza, mhux biss minhabba l-inerzja ta` l-Qorti fit-totalita` taghha li naqset milli tiddixxiplina lill-partijiet kif kien haqqhom, <u>izda u fuq kollox</u> minhabba l-imgieba tal-kontendenti li hallew l-inkomprensjoni, il-battibekki u l-piki ta` bejniethom jiehdu s-sovravvent. Ghal dan kollu, il-partijiet iridu jhallsu l-prezz tal-imgieba bla sens u rragonevoli taghhom, u li l-Qorti sejra ssarraf billi taqsam l-ispejjez indaqs bejniethom.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni.**

**Tilqa` dik il-parti tat-tieni eccezzjoni senjalata bl-ittra (i).**

**Tichad dik il-parti tat-tieni eccezzjoni senjalata bl-ittra (ii).**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur nomine u in kwantu ghal nofs mill-konvenut.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**